MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Avviz Numru. 19/2005

**Vincent Curmi Cassar (ID 58953(M) ) u martu Guilia Curmi Cassar (ID 589648(M) )**

**Vs**

**Peter Paul Abela u martu Rose Abela ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghal-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-' somma komplessiva ta' tlett elef u tmienja u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm3078.50,0), bilanc minn somma akbar u inkluzi l-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) skond prospett esebit u mmarkat Dok "A", dovuti in forza ta' skrittura privata ta' kostituzzjoni u ta' debitu bejn il-partijiet datata 30 ta' Ottubru 2003 li kopja taghha giet esebita u mmarkata Dokument "B" mal-atti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru Nru 117/05 u tal-mandat ta’ qbid Nru 119/05 u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-suibzzjoni.

Wara li rat il-prospett esebit in atti a fol 2 u markat Dok “A” kif ukoll l-iskrittura in fotokopja, imsemmija fl-istess avviz a fol 3 u fol 4 tal-atti oltre l-ircevuta, in fotokopja, a fol 4 tal-atti.

Rat in-nota tal-istess atturi, a fol 10 tal-atti, u li biha rriducew is-sorte bis-somma ta’ Lm1000.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-16 ta' Marzu 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma kif ridotta ta' Lm2078.50,0 bl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) mit-13 ta’ Jannar 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ sekwestru u ta’ qbid numru 117/05 u 119/05 rispettivament, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------